MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 272/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat r-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta’ Mejju 2006 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw żwieġ bejniethom fis-17 ta’ Ġunju tas-sena 1994, minn liema żwieġ kellhom żewġt itfal, senjatament C u D illi għandhom ħdax (11)-il sena u disa’ (9) snin rispettivament.

2. Illi l-partijiet huma legalment separati skond il-kuntratt ta’ separazzjoni datat 16 ta’ Lulju 2003 fl-atti tan-

nutar Dottor Marco Farrugia, li kopja tiegħu qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. A.

3. Illi skond il-klawsola 6(1) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, il-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri ġiet fdata f'idejn l-intimata, bi dritt ta' aċċess għall-esponenti ta' sittin (60) siegħa fix-xahar imqassma fuq mhux aktar minn tliet (3) darbiet fil-ġimgħa.

4. Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jirrileva bir-rispett illi l-imsemmi ftehim milħuq bejn il-partijiet, rigwardanti l-kura u kustodja u aċċess tal-minuri, qed joħloq diversi diffikultajiet u diżgwidi bejn il-partijiet, b'detriment serju għall-istess minuri, b'dan illi għaldaqstant l-istess ftehim ma għadux wieħed prattiku fiċ-ċirkostanzi, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni.

5. Illi l-esponenti jaħdem bix-*shift,* senjatament *day, night, rest, off,* u għaldaqstant naturalment jeħtieġ illi s-sittin (60) siegħa ta' aċċess tiegħu jitqassmu skond l-iskeda ta' xogħol tiegħu bi ftehim mal-intimata.

6. Illi *ciononostante* kien hemm diversi okkażjonijiet fejn, mingħajr assolutament l-ebda raġuni valida, l-intimata rrifjutat illi takkorda aċċess lill-esponenti f'dawk il-ġranet fejn huwa seta' jeżerċita l-aċċess tiegħu, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri odjerni.

7. Illi ulterjorment, bi ksur tal-klawsola 6(f), kien hemm ukoll diversi okkażjonijiet fejn l-intimata naqset milli tavża lill-esponenti dwar attivitajiet tal-minuri, kemm dawk edukattivi kif ukoll dawk soċjali, u dan kif ser jirriżulta wkoll matul il-kawża.

8. Illi l-esponenti għandu għal qalbu l-interessi ta' wliedu minuri, b'dan illi f'dan ir-rigward jiġi rilevat umilment illi f'dan l-istadju jeħtieġ illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata konġuntivament f'idejn il-partijiet, u dan bl-għan illi jiġi assikurat illi l-esponenti jipparteċipa b'mod sħiħ fil-ħajja ta' wliedu minuri u dan fl-interess suprem tal-istess minuri.

9. Illi min-naħa l-oħra jeħtieġ ukoll illi jiġu ffissati dawk il-ġranet u ħinijiet illi l-minuri għandhom iqattgħu mal-partijiet rispettivament u dan sabiex jiġu evitati aktar diżgwidi serji bejn il-partijiet.

10. Illi effettivament għal dak illi jirrigwarda l-ġranet ta' aċċess l-esponenti jirrileva bir-rispett illi huwa għamel diversi tentattivi sabiex jasal għall-ftehim ma' l-intimata, b'dan illi *ciononostante* l-istess intimata dejjem irrifjutat illi tasal għall-ftehim.

11. Illi f'dan ir-rigward jiġi rilevat bir-rispett illi l-intimata saħansitra rrifjutat illi tiffirma l-kuntratt korrettorju li kien ġie awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti, b'dan illi kien għalhekk illi l-esponenti kellu jipproċedi bil-kawża odjerna.

12. Illi l-esponenti jirrileva bir-rispett illi, bl-għan illi l-minuri jkollhom rutina aktar stabbli, jkun opportun illi huma jkollhom il-ġranet u l-ħinijiet mal-ġenituri kemm jista' jkun regolati, u dan fl-interess suprem tal-istess minuri.

13. Illi l-esponenti huwa dispost u diġa' esprima x-xewqa li huwa jieħu ħsieb lill-ulied minuri b'mod ugwali daqs l-intimata, b'tali mod illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi eżercitata konġuntivament bejn il-partijiet fl-interess tal-minuri kkonċernati.

14. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jirrileva bir-rispett illi, skond il-klawsola 7(1) tal-istess kuntratt, il-partijiet qablu li l-esponenti jħallas manteniment għall-minuri fl-ammont ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130.00) fix-xahar, senjatament ħamsa u sittin lira Maltin (Lm65.00) fix-xahar għal kull wild.

15. Illi pero' f'dan ir-rigward jiġi rilevat umilment illi f'każ illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta u l-partijiet, li t-tnejn għandhom impjieg *full-time,* iżommu lill-minuri b'mod ugwali bejniethom, ikun opportun illi kull parti tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relattivi tal-minuri.

16. Illi l-esponenti ġie awtorizzat jipproċedi b'din l-istanza permezz ta' digriet datat 18 ta' April 2006, kif sussegwentement prorogat permezz ta' digriet datat 18 ta' Awissu 2006, li kopja legali tagħhom qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. B u C.

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni datat 16 ta' Lulju 2003 fl-atti tan-nutar Dottor Marco Farrugia u f'dan is-sens:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kura u kustodja tal-minuri C u D għandha tiġi fdata konġuntivament bejn il-partijiet, u dan fl-interess suprem tal-istess minuri u f'dan is-sens tvarja l-klawsola numru sitta (6) paragrafu wieħed (1) tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi;

2. Tordna li fl-istess klawsola numru sitta (6), il-paragrafi (a) (b) (c) (d) (e) u (f) jiġu kkanċellati għal kollox u jinbidlu bil-mod segwenti:

(i) Tawtorizza lill-esponenti jeżerċita l-aċċess tiegħu għal uliedu minuri f'dawk il-ġranet illi fihom huwa jkun *'rest'* u *'off'* minn fuq il-post tax-xogħol preżenti tiegħu, b'dan illi f'dan ir-rigward tordna li l-ħinijiet tal-istess aċċess jkunu bejn is-sebgħa u nofs ta' fil-għodu (7:30 a.m.) tal-jum li fih ikun *'rest',* sas-sebgħa u nofs ta' fil-għodu (7:30 a.m.) tal-ġurnata li jerġa' jkun xogħol ta' fil-għodu, u ċjoe' għal jumejn u żewġt iljieli konsekuttivi;

(ii) Tordna li fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid u festi pubbliċi oħra, l-aċċess jiġi eżercitat bi qbil bejn il-partijiet, filwaqt illi f'Jum il-Missier u f'għeluq snin l-esponenti, il-minuri jkunu ma' l-istess missierhom, filwaqt li f'Jum l-Omm u f'għeluq snin il-mara, it-tfal ikunu mal-intimata, b'dan illi ulterjorment tordna li ż-żewġ partijiet ikollhom aċċess għal uliedhom minuri f'għeluq snin l-istess minuri;

(iii) Tawtorizza lill-esponenti sabiex fis-Sajf, iżżomm lil uliedu minuri għal sitt (6) ijiem konsekuttivi;

(iv) Tordna li d-deċiżjonijiet kollha dwar it-tfal, inkluż dawk ta' saħħa, edukazzjoni u dawk morali u ta' reliġjon, jiġu deċiżi mill-partijiet konġuntivament, filwaqt illi tordna lill-intimata tavża lill-esponenti dwar kwalunkwe attivitajiet soċjali jew tal-iskola tal-minuri.

(v) Tiddikjara li l-esponenti għandu dritt illi jattendi għall-kwalunkwe attivitajiet tal-minuri, inkluż dawk soċjali u edukattivi, u f'dan ir-rigward tordna lill-intimata tavża lill-esponenti b'tali okkażjonijiet fi żmien addattat.

(vi) Tordna li f'każ illi l-intimata ssiefer mingħajr il-minuri jew min minnhom, hija tagħti lill-esponenti l-ewwel preferenza sabiex iżżomm il-kustodja ta' dak il-wild jew ulied li jibqa' / jibqgħu Malta matul il-perjodu tal-imsemmi safar.

3. Tordna li fil-klawsola numru sebgħa (7) tal-kuntratt fuq imsemmi, rigward il-manteniment għall-minuri, il-paragrafi wieħed (1) u tnejn (2) jiġi kkanċellati għal kollox u f'dan ir-rigward:

i. Tordna li, f'każ illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod konġuntiv f'idejn iż-żewġ partijiet, u / jew il-partijiet iżommu lill-minuri b'mod ugwali bejniethom, l-esponenti jiġi eżentat mill-obbligu li jħallas manteniment għal uliedu, u tordna li kull parti jkollha a karigu esklussiv tagħha dawk l-ispejjeż meħtieġa għall-minuri u li jiġu nkorsi f'dawk il-ħinijiet li t-tfal ikunu magħha, filwaqt illi l-ispejjeż kollha rigward is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri jiġu mħallsa mill-partijiet f'ishma ndaqs bejniethom.

4. Tordna li fil-klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt fuq imsemmi, il-paragrafi tnejn (2) u tlieta (3) jiġu kkanċellati għal kollox u f'dan ir-rigward:

i. Tordna li kull safra tal-minuri, kemm ma' wieħed mill-kontendenti u kif ukoll ma' terzi, tkun teħtieġ il-kunsens espress taż-żewġ partijiet, b'dan pero' li f'każ ta' nuqqas ta' qbil, kull waħda mill-partijiet tkun tista' tirrikorri għall-Qorti kompetenti.

5. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att ta’ varjazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 16 ta’ Lulju 2003, kif jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, in virtu tat-talbiet preċedenti, u tinnomina kuraturi sabiex jidhru fuq dan l-att minflok l-intimata jekk tkun assenti;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, ppreżentata fl-20 ta’ Frar 2007, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi preliminarjament l-ewwel talba, it-tieni talba sub-inċiż (iv), it-tielet talba u r-raba’ talba kif kontenuti fir-rikors promotur huma nulli, u dana peress illi r-rikorrent ma segwiex il-proċedura stipulata tassattivament fir-regolament 9 tal-Avviz Legali 397/2003. L-esponenti tiċċara din l-eċċezzjoni tagħha fis-sens illi skond ma jirriżulta mid-Dokument B ppreżentat mir-rikorrent, il-kontendenti kienu ppreżentaw ittra quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fejn ippremettew li kellhom diffikultajiet fil-modalita’ ta’ aċċess għal uliedhom, u kienu konġuntivament talbu li ssir medjazzjoni limitatament dwar l-aċċess tagħhom għall-minuri C u D. Illi mbagħad ir-rikorrent intavola din il-kawża fejn talab bdil dwar il-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri u li jiġi eżentat milli jħallas il-manteniment pagabbli għall-minuri, meta kjarament qatt ma għamel talba lir-Reġistratur tal-Qorti biex jirreferi dawn il-kwistjonijiet għall-medjazzjoni qabel intavola l-kawża odjerna.

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti topponi għall-ewwel talba attriċi illi l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri tal-kontendenti C u D tiġi fdata lill-partijiet konġuntivament, u dana peress illi l-affidament tal-kura u kustodja b’dan il-mod ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri, u għalhekk il-kura u kustodja tal-minuri għandha tibqa’ fdata f’idejn l-esponenti.

3. Illi għar-rigward it-tieni talba attriċi, ma jeżistu l-ebda raġunijiet validi għala l-arranġament milħuq mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti dwar il-ħinijiet tal-aċċess tar-rikorrent għall-ulied minuri għandu jiġi varjat minn din l-Onorabbli Qorti, u wkoll billi l-arranġament propost mir-rikorrent iwassal biex il-minuri jkunu kontinwament esposti għall-*partner* tar-rikorrent li jisimha E, u għalhekk din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tvarja l-klawsola numru 6 tal-imsemmi kuntratt.

4. Illi konsegwentement it-tielet talba attriċi, li hi waħda mir-raġunijiet prinċipali għala r-rikorrent intavola din il-kawża (u ċjoe' biex ma jħallasx manteniment għall-ulied minuri) għandha tiġi miċħuda.

5. Illi wkoll ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda u dana konsonantement mal-ewwel u t-tieni eċċezzjoni.

6. Illi għalkemm huwa minnu li l-kontendenti kienu qablu dwar abbozz ta' kuntratt li kellu jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni personali, pero' mbagħad qabel ġie ffirmat dan il-kuntratt ir-rikorrent beda jissostitwixxi lill-esponenti bħala omm il-minuri bil-*partner* tiegħu E, u bil-komportament tiegħu beda jagħmel ħsara psikoloġika serja lill-istess minuri, u kien għal din ir-raġuni li l-esponenti ma resqitx għall-iffirmar ta' dan il-kuntratt.

7. Salvi eċċcezzjonijiet oħra.

Rat ir-risposta tal-konvenuta;

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavits tal-partijiet u d-diversi digrieti mogħtija minnha stess;

Semgħet lill-partijiet u x-xhieda l-oħra u semgħet ukoll lill-minuri *in camera*;

Rat in-nota konġuntiva preżentata mill-partijiet fil-5 ta' Marzu 2010;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-kawża ġiet istitwita peress li wara l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet inqala' diżgwid bejniethom fir-rigward tal-istess minuri u l-aċċess tagħhom. Dan ġara peress li l-partijiet it-tnejn qed jgħixu mas-sieħeb u sieħba rispettivi, u allura billi t-tfal bdew jikbru u qed jiġu konxji mis-sitwazzjoni nqala' ċertu diżgwid ikkawżat prinċipalment mir-relazzjoni tal-minuri mas-sieħeb rispettiv tal-partijiet u mal-istess ġenituri tagħhom. Finalment wara diversi digrieti l-Qorti bl-għajnuna lodevoli tal-Avukati rispettivi wasslet lill-partijiet biex jiftehmu u jippreżentaw in-nota konġuntiva msemmija, li a bazi tagħha l-Qorti tista' tgħaddi biex tippronunzja s-sentenza.

**Il-Qorti għaldaqstant tiddeċiedi din il-kawża billi tordna illi:**

**1. L-attur ikollu kura u kustodja tal-minuri D, filwaqt li l-kura u l-kustodja tal-minuri C qed tiġi fdata f'idejn il-konvenuta; il-partijiet ikollhom responsabbilta' rispettiva ta' manteniment u spejjeż tal-minuri fil-kura u kustodja tagħhom, iżda jkollhom din ir-responsabbilta' fil-ħin li l-minuri li jkun qiegħed miegħu jew magħha rispettivament;**

**2. Il-partijiet ikollhom dritt jipperċepixxu l-benefiċċji soċjali spettanti għall-minuri fil-kura u kustodja tagħhom rispettivament;**

**3. Fir-rigward ta' aċċess fil-Milied u l-ewwel tas-sena għandu jibqa' viġenti d-digriet ta' din il-Qorti datat 27 ta' Novembru 2009, billi fil-Milied il-minuri jkunu mal-missier sal-4:00 p.m. u wara jmorru mal-omm, u filwaqt li fl-ewwel tas-sena jkunu mal-omm sal-4:00 p.m. u mbagħad imorru mal-missier; lejlet il-Milied u l-ewwel tas-sena jorqdu mal-missier u l-omm rispettivament mis-7:00 p.m; is-sena ta' wara dan l-**

**arranġament jiġi alternat u jibqa' jiġi alternat għal kull sena sussegwenti;**

**4. F'każ ta' safar mill-partijiet it-tfal ikunu mal-parti l-oħra iżda salv f'każ ta' safar urġenti għandu jingħata pre avviż ta' tlett xhur u ma jkunx hemm aktar minn safra waħda kull sena;**

**5. L-aċċess ikun regolat skond id-digriet tal-5 ta' Ottubru 2007 u r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tas-26 ta' Ġunju 2009 b'dan li meta nhar ta' Sibt l-attur ikun xogħol bil-lejl, il-konvenuta tiġbor il-minuri mingħandu fis-6:30 p.m; l-attur għandu jagħti pre avviż ta' xahar tal-ħinijiet tax-xogħol tiegħu in kwistjoni u dan għall-aħjar andament tal-aċċess;**

**6. Salv il-premess, il-kondizzjoni tal-kuntratt pubbliku bejn il-partijiet ippubblikat minn Nutar Dottor Marco Farrugia għandhom jibqgħu *in vigore*;**

**Spejjeż tal-kawża jinqasmu mill-partijiet f'ishma ndaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------